# INCOME TAX DECISIONS

## Board Of Special Commissioners 1953/54

*Note from the Editor: It is intended that in the following issues of the Law Journal, decisions of subsequent years will be published.*

**Kawza Nru. 2/1953 deċiża fil-31 ta' Marzu, 1953.**

Tiswija fi Proprjeta — Spejjeż — Deduzzjoni — Claim War Damage Commission.

L-artikolu (10(1)(d) ta' l-Income Tax Act jiddisponi li ebda tnaqqis ma għandu jsir għal kost ta' tiswija f'xi proprjeta li kienet is-suġġett ta' talba taħt l-Ordinanza 111 tal-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra.

Din id-dispozizzjoni tapplika wkoll fil-każ li l-War Damage Commission tirriġetta l-claim; anki f'dan il-każ l-ispejjez ma jistgħux jitnaqqsu.

Din id-deċizjoni ġiet revokata mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar, 1954. Każ Nru. 8.

---

**Kawza Nru. 3/1953 deċiza fil-25 ta' April, 1953.**

Restaurant — Ulied impjegati ma' missierhom.

Il-profitti dikjarati mill-appellant kienu ferm żgħar u l-Bord deherlu li ma kienx ġustifikat inaqqas il-profitt magħmul mill-appellat.

L-appellant kellu restaurant u martu u erba wliedu li kienu impjegati hemm kienu jieklu hemm, u l-Kummissarju żied il-profitti b'£1 fil-ġimgħa għal ikel tal-familja tiegħu.

---

**Kawza Nru. 4/1953 deċiza fil-19 ta' Mejju, 1953.**

Importatur — car, spejjeż ta' — Deduzzjoni.

L-appellant kien importatur tal-ġlud u kellu ħanut u kien ibiegħ bl-ingrossa u bl-imnut.

Il-Bord iddeċieda li għan-negozju tiegħu l-appellant kellu bżonn ta' karozza; u billi l-car kienet tiġi wzata wkoll għall bzonnijiet tal-familja, l-Bord akkorda deduzzjoni ta' nofs l-ispejjez kollha, kompriza d-deprezzament.

---

**Kawza Nru. 5/1953 deċiza fis-27 ta' Awissu, 1953.**

Ex officio assessment —
Spejjez ta' natura kapitali.

Appell min ex officio assessment. L-appellant kellu stabbiliment fl-arja aperta u l-Bord iffissa l-profitti għas-sena 1949 fuq il-kotba ta' l-appellant.

F'dan il-kaz l-appellant u ħuh kienu wirtu l-istabiliment bil-patt li jħallsu lil ħuthom £40 fis-sena. Inoltri ħuh kellu bżonn isiefer u ftehmu li l-qliegħ ikun ta' l-appellant, bil-patt li jagħti £1200 li ħuh. Il-Bord deherlu li l-appellant kellu dritt inaqqas dawn il-£160, għax ma kienux ta' natura kapitali.

---

**Kawza Nru. 6/1953 deċiza fit-30 ta' April, 1953.**

Appelli — fuori termine — null —

F'dan il-każ l-appell kien null għax il-Form A ġiet preżentata wara l-għeluq tat-terminu, liema terminu kien fatali.

---

**Kawza Nru. 7/1953 deċiża fil-25 ta' April, 1953.**

Iltiem — Orphan — Deduzzjoni għal neputi — Art. 22(1)(b)

L-appellant talab deduzzjoni għal manteniment ta' iben ibnu li hu kien qiegħed irabbi. Il-missier tat-tifel kien assenti minn Malta.

Il-Bord ċaħad l-appell għax it-tifel ma kienx iltiem mill-missier.

L-art. 22(1)(b) ġie emendat bl-Att.

---

**Kawża Nru. 8/1953 deċiża fit-13 ta' Awissu, 1953.**

Barriera

Il-Bord iffissa l-kwantita ta' ġebel mibjugħa mill-barriera ta' l-appellant ma' tul l-1949.

---

**Kawza Nru. 9/1953 deċiża fit-3 ta' Novembru, 1953.**

Manutenzjoni immobili — Deduzzjoni.

L-appellant talab deduzzjoni ta' £98 li ntefqu fit-tiswija tal-ħajt ta' għalqa.

Il-Bord ċaħad it-talba, għax dik l-għalqa kienet parti integrali tal-ġnien anness mad-dar, u għalhekk kwalunkwe spiza ta' manutenzjoni hija koperta mid-deduction kontemplata fil-G.N. 684 tal-1950. Jekk ma kienitx spiza ta' manutenzjoni kienet eskluza mill-art. 11(c)(d) ta' l-Income Tax Act.

---

**Kawza Nru. 10/1953 deċiża fil-19 ta' Mejju, 1953.**

Appell fuori termine — nullita

Il-Form "A" ġie prezentat ferm wara t-tletin ġurnata stabbiliti fl-art. 57(1) u għalhekk l-appell kien null. Dan it-terminu hu perentorju.

---

**Kawza Nru. 11/1953 deċiża fit-28 ta' Mejju, 1953**

Terminu—Appell fuori termine—Null

Jekk il-liġi ma tiddisponix espressament, il-ġranet ta' kwalunkwe terminu ma humiex utili u t-terminu għalhekk huwa korrenti.

It-terminu għal prezentata tal-Form "A" bħal ta' kwalunkwe att ieħor jibda jgħaddi mill-għada tal-ġurnata tan-notifika, biss għal prattiċita' billi n-notifika issir bil-posta reġistrata ġie fissat terminu ta' tliet ijiem wara l-impustar.

---

**Kawza Nru. 12/1953 deċiża fid-9 ta' Lulju, 1953.**

Spejjez deduċibbli — Spejjez ta' vjaġġ.

Biex spejjez ikunu deduċibbli mhux biżżejjed li l-ispejjez ikunu ġew inkorsi in konnessjoni mal-produzzjoni tal-income, imma hemm bżonn li jkunu ġew inkorsi esklusivament għal dan il-fini.

Huwa prinċipju li għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż li servew għall-profitti likwidati u mhux għall-profitti li għad iridu jiġu likwidati.

F'dan il-kaz il-Bord ċaħad talba għal deduzzjoni ta' £150 spejjez ta' vjaġġ Londra biex ikellem il-propjetarji ta' ditta rapprezentata minnu.

---

**Kawza Nru. 13/1953 deċiża fis-16 ta' Ġunju, 1953.**

Deduzzjoni — Ħlas lil iben.

Il-Bord ma ammettiex deduzzjoni ta' £22 għal kera ta' razzett għax ma setgħax jingħad li dik kienet spiza inerenti għan-negozju tiegħu; ma ammettiex deduzjoni ta' 5/6 kuljum biex iżomm żiemel, għax ma kien hemm ebda neċessita li jżomm dak iż-żiemel. Pero ammetta deduzjoni ta' £3 fix-

xahar imħallsa lil ibnu li kien jgħinu fuq ix-xogħol.

---

**Kawza Nru. 14/1953 deċiża fil-31 ta' 1953.**

Deduzjonijiet — perit. Dependents.

Il-Bord ammetta deduzzjoni 1) għal boili u spejjeż ta' stationery, 2) għal spejjeż ta' pjanti, prints, etc., 3) għal deprezzament, maintenance u spejjeż oħra dwar car f'każ ta' perit arkitett.

Fit-termini ta' l-art. 22(c) kull min iżomm lil oħt il-mara tiegħu għandu dritt għal deduzzjoni indipendentement minn kwalsjasi konsiderazzjoni oħra, purche' tavvera ruħha l-kondizzjoni l-oħra kontemplata mill-liġi, li "l-income tal-persuna mantenuta majkunx jeċċedi s-£60."

---

**Kawża Nru. 15/1953 deċiża fit-30 ta' Settembru, 1953.**

Commission — Spejjez ta' entertainment.

Spejjez f'bini, ordnati mill-Awtorita Sanitarja.

Commission bħala tali ma tista' qatt tiġi ezentata mil-income tax, għaliex hija qiegħ jew profitt minn impieg fis-sens tal-art 5(1)(b).

Biex spejjez jiġu mnaqqsa jeħtieġ li jkunu "wholly and exclusively incurred in the production of the income". F'dan il-kaz il-Bord irrifjuta t-talba għad-deduzzjoni ta' spejjez ta' entertainment.

M'humiex deduċibbli spejjez inkorsi f'xogħol fil-bini ordnat mill-awtorita sanitarja; jekk huma ta' natura ordinarja allura jieħu t-tnaqqis kontemplat fil-Govt. Not. 684/1950. jekk huma straordinarji allura huma eskluzi mil-art. 11(c)(d) tal-Income Tax Act.

---

**Kawza Nru. 16/1953 deċiża fid-9 ta' Lulju, 1953.**

Obligu li jżomm notamenti propri dwar l-income — Art. 42 Income Tax Act.

S-sanzjoni kontemplata fl-art. 42 ma hiex li t-taxpawer ma jistax jagħmel għalkemm a riskju tiegħu, il-prova dejjem jirnexxilu jipperswadi lill-Bord. dwar l-income b'mezzi oħra, purche Is-snazjoni fl-art. 42(3) hija purament penali u ma tirrigwardax il-Bord.

Kawza dwar qliegħ ta' D.M.O.; u dwar deduzzjoni għal spejjez ta' car.

---

**Kawza Nru. 17/1953 deċiża fil-20 ta' Mejju, 1954.**

Rati ta' profitti — grocer — Ex officio assessment.

Ex officio assessment ta' grocer.

Il-Bord iffissa dawn il-profitti fuq il-bejgħ:—

(a) għar-rations 9%;
(b) għall-groceries 9%;
(c) għall-ħelu 13% (profitt uffiċjali hu 15%);
(d) għas-sigaretti 11%;
(e) għal imbejjed 10%;
(f) għal spirti 15%.

---

**Kawza Nru. 18/1953 deċiża fil-10 ta' Marzu, 1954.**

Ex officio assessment — gjojellier. Art. 57(3) Income Tax Act.

Ex officio assessment għal negozjant ta' oġġetti tad-deheb.

It-taxpayer iddikjara gross profit ta' 30% fuq is-sales li ġie aċċettat.

Il-Bord iffissa l-ammont tas-sales.

L-artiklu 57(3) jitfa l-piz tal-prova fuq min jappella u kieku l-Kummissarju kellu jispjega kif wasal għal likwidazzjoni tat-taxxa l-iskop tal-liġi kien ikun eluz, la darba l-likwidazzjoni sakemm ma ssirx il-prova kontrarja, hija prezunta li hija ġusta.

---

**Kawza Nru. 19/1953 deċiża fit-30 ta' Diċembru, 1953.**
Ex officio assessment — Butcher.

Il-Bord iffissa dawn ir-rati ta' profitti għall-1948 u 1949:—

(A) laħam tal-porku, -/5d. ir-ratal.
(B) laħam taċ-ċanga, -/6½d. ir-ratal.
(C) laħam frozen, -/4d. ir-ratal.
(D) kirxa, -/2d. ir-ratal.

Imbagħad deduction għall-"wear and tear" fuq il-van u r-refriġerator.

---

**Kawza Nru. 20/1953 deċiża fit-13 ta' Awissu, 1953.**
Appell fuori termine — null —

Kienet x'kienet ir-raġuni l-għala l-appellanti ma pprezentatx il-Form "A" fiż-żmien kontemplat mill-liġi, hija ddekadiet mid-dritt tagħha li tappella quddiem dan il-Bord.

---

**Kawza Nru. 21/1953 deċiża fis-16 ta' Diċembru, 1954.**
Ex officio assessment — Wholesaler u retailer ta' żraben u lbies.

Ex officio assessment ta' importatur, wholesaler u retailer ta' żraben, drappijiet u lbies, għall-1948 u 1949.

Il-Bord qagħad fuq ir-rati ta' profitti akkordati mill-F.C.C.O. wara li naqqas ċertu perċentaġġ biex jagħmel tajjeb għal xi telf li jista' jkollu inneguzjant u anke għal fatt li mhux dejjem possibbli minħabba il-konkorrenza jew ċirkostanzi oħra li wieħed jirrealizza l-profitt kollu permess mill-liġi. L-appell minn din id-deċizjoni ġie dikjarat null.
Qorti ta' l-Appell — Appell Nru. 13

---

**Kawza Nru. 22/1953 deċiża fit-28 ta' Novembru, 1953.**
Donazzjoni lill-ulied
Art. 21(2) Income Tax Act

It-taxpayer b'att tal-1948 kien iddona ċerti immobili lill-uliedu li jgħixu miegħu. Il-Kummissarju applika l-art. 21(2) u kkunsidra l-income ta' dawk il-beni bħala tat-taxpayer u mhux ta' wliedu.

Id-dicitura tal-art. 21(2) hija tant ċara li ma tistax tfisser ħaġa oħra ħlief dak li jgħidu l-istess kliem. Hu importanti li fis-sena bazi t-tfal ma jkunux miżżewġa.
Din id-deċizjoni ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell. (Appell Nru. 10).

---

**Kawza Nru. 23/1953 deċiża fil-10 ta' Novembru, 1953.**

L-appellant kienet armla, u wara l-mewt ta' żewġha wliedha ħadu l-agenzija li kellu żewġha. Il-Kummissarju kkunsidra l-income minn dik l-agenzija bħala ta' l-armla.

Il-Bord irrevoka għax fil-fatt l-armla ma kellha l-ebda dritt fuq dik l-agenzija.

---

**Kawza Nru. 24/1953 deċiża fit-2 ta' Lulju, 1954.**
Ex officio assessment.

Ex officio assessment. Il-Bord iffissa l-profitt tal-Industrija in kwistjoni għas-sena 1948.

---

**Kawza Nru. 25/1953 deċiża fis-16 ta' Marzu, 1953.**
Ex officio assessment — Ironmonger

Ex officio assessment ta' ironmonger. Il-Bord accetta l-profitti dikjarati fil-kotba ta' l-appellant li kienu miżmumin sewwa, pero' mal-profitti żied il-valur ta' l-oġġett li ħa għall-użu tiegħu, li ma kienux ġew indikati fil-kotba.

---

**Kawza Nru. 26/1953 deċiża fis-16 ta' Marzu, 1954.**

Ex officio assesment — Architect.

Penalties għal kontravvenzjoni mhumiex deducibbli.

Ex officio assessment ta' perit arkitett. Il-Bord iffissa l-income u l-ispejjez deducibbli għas-sena 1949.

"Penalties paid to the Crown for the contravention of a statute are not deductible."

---

**Kawza Nru. 27/1953 deċiża fit-13 ta' Jannar, 1954.**

Deduzzjoni — Spejjez legali — spejjez kapitali.

L-ispejjez legali għal twaqqif ta' ħanut ġdid, ma jistgħu qatt ikunu deducibbli għaliex kienu jkunu dejjem spejjeż aċċessorji għal spiza ta' natura kapitali, u kwindi għandhom isegwu l-istess sorti in bazi għal magħruf prinċipju li "accessorium sequiteor principale".

---

**Kawza Nru. 28/1953 deċiża fil-11 ta' Frar, 1954.**

Professjonista — Deduzzjoni għal car — għall-vjaġġi.

L-appellant talab deduzzjoni tal-car li juza għal-professjoni tiegħu, u £500 spejjez għall-attendenza ta' kongressi tat-tobba.

Il-Bord ammetta l-ispejjeż kollha dwar car u ċaħad deduzzjoni għall-ispejjez tal-vjaġġi.

Biex spiza tkun konsiderata bħala magħmula "wholly and exclusively in the production of the income" għandha tkun tali li mingħajrha l-income ma setax jkun realizzat, jiġifieri għandha tkun kondizzjoni sine qua non għall-produzzjoni tal-income.

Bħala maintenance ta' knowledge l-ispejjeż ma jistgħu qatt ikunu deducibbli.

Spejjeż għall-attendenza ta' kongressi ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala magħmula għall-extension of knowledge u kwindi koperti mid-dispost tal-art. 10(1) (i) li jikkontempla spejjez għal scientific research.

---

**Kawza Nru. 29/1953 deċiża fid-9 ta' Marzu, 1954.**

Bad debts.

Il-Bord ma ammettiex d-deduzzjoni ta' bad debts, għax dawk il-krediti ma kienux jidħlu fil-business jew vocation ta' l-appellant kif irid l-art. 10(1)(2) tal-Income Tax Act.

---

**Kawza Nru. 30/1953 deċiża fis-17 ta' Jannar, 1955.**

Ex officio assessment — gojellier

Telf ta' kambju — meta deduccibbli.

Ex officio assessment ta' gjojellier għas-snin 1949 u 1950.

Il-Bord ma ammettiex deduzzjoni għal telf f'kambju ta' Franki franċizi, għax la t-taxpayer ma kienx jinnegozja fil-kambju, dak it-telf kien ta' natura kapitali, u ma kienx jirrigwarda n-begozju tiegħu fl-istess snin, imma se mai telf fuq assessments.

---

**Kaz Nru. 1/1954**

Deduzzjoni — Spejjez ta' vjaġġ ta' neguzjant.

Biex spiża tkun deducibbli hemm bżonn dejjem li tkun verament neċessarja, raġonevoli, u mhux ta' natura kapitali, oltre naturalment li tkun attinenti għal professjoni jew negozju tat-taxpayer.

F'dan il-kaz it-taxpayer talab deduzzjoni ta' £141 minn £361 li hu kien nefaq għall-vjaġġ ta' xahrejn, in parti

għan-negozju u in parti għal vaganza. Il-Bord ippermetta deduzzjoni ta' £115 għal għaxart ijiem l-Ingilterra u l-passaġġ bl-ajru.

---

**Kaz Nru. 2/1954**

Ma ppruvax li l-assessment ħażin — neguzjant.

It-taxpayer kellu negozju ta' drappijiet, zraben u oġġetti affini. Għas-sena bazi 1950 hu kien irrapporta profitt ta' £641, u billi wara nduna li kellu zball fil-balance sheet, ippretenda telf ta' £368. Il-Kummissarju llikwida l-profitt għal £939.

Il-Bord, billi l-kotba miżmuma mittaxpayer kienu mizmuma b'mod irregolari, ddeċida li l-appellant ma wasalx biex jipprova li l-likwidazzjoni tal-profitti magħmula mill-appellat kienet inġusta, u ċaħad l-appell bl-ispejjez.

Neguzjanti ta' dal-ġeneru ta' merkanzija għandhom dritt ta' profitt ta' 12½% bħala wholesalers, u ta' 22½% bħala retailers.

---

**Kaz Nru. 4/1954**

Amministrazzjoni tal-beni tal-familja

It-taxpayer kien jamministra l-beni tal-familja, u ma kienx jieħu ebda onorarju, pero' billi waħda minn neputijiet kienet residenti l-Italja, u għalhekk il-kustodju tal-Proprjeta ta' l-għadu u ħa f'idejh il-proprjeta, u ħalla l-amministrazzjoni lit-taxpayer, dan beda jiddeduċi huwa qassam dak id-depositu lill-eredi.

Il-Kummissarju ppretenda li dak il-pagament kien ta' natura volontarja, u għalhekk l-income relativ kien taxxabbli.

Il-Bord irritiena li ma kien hemm ebda rinunzja għal drittijiet likwidati favur l-appellant, għax dawk kienu "in suspense account" u li kien wisq naturali li amministratur ma jippretendi xejn minn għand ħutu jew in-neputijiet talli jamministra l-beni komuni.

---

**Kaz Nru. 5/1954**

Appell fuori termine — Null —

Il-Bord irritiena li dan l-appell kien irritu u null għax prezentat wara t-terminu.

L-għaxart ijiem kontemplati fl-art. 14 tal-GN 749/49 huma korrenti u mhux utili, għax il-liġi ma ssemmi xejn.

---

**Kaz Nru. 6/1954**

Ħlas lill-ulied t-taxpayer — meta deduċibbli

L-appellant kellu żewġ uliedu ta' 20 u 22 sena rispettivament jaħdmu f'żewġ ħwienet tiegħu. Lil dawn kien itihom paga ta' £6 fil-ġimgħa, u wara beda itihom kummissjoni tal-1%.

L-appellant appella għax il-Kummissarju ma akkordalux id-deduzzjoni tal-commission.

Il-Bord ċaħad l-appell, għax irritiena li s-salarju li kienu qegħdin jirċievu t-tfal kien adekwat u ma kienx hemm lok għal ebda kummissjoni. Pero' irriserva li ssir deduzzjoni għax-xogħol ta' korrispondenza u bookkeeping li huma kienu jagħmlu.

Il-Bord irritiena li m'hemm xejn kontra l-liġi li mpjegat oltre s-salarju jieħu wkoll xi kwota mill-profitti, pero' meta bħal kaz prezenti l-impjegat ikun t-tifel stess tal-prinċipal wieħed għandu jikkunsidra dawn l-ispejjez b'ċerta ċirkospezzjoni, għaliex anke jekk ikunu saru in buona fede, ħafna drabi ma jkunux saru għal motiv ta' negozju, imma għal skopijiet oħra, u jekk il-pagament ma jkunux proporzjonati għax-xogħol, ma jistgħux ikunu deduċibbli.

---

**Kaz Nru. 7/1954**
Deduzzjoni — Travelling expenses —

Biex travelling expenses ikunu deducibbli jeħtieġ li jkunu verament neċessarji u ragonevoli, attinenti għal professjoni jew negozju tat-taxpayer, u mhux ta' natura kapitali.

F'dan il-kaz l-appellant talab deduzzjoni ta' £296 18s. 0d. u l-Bord ippermetta biss deduzzjoni ta' £99 3s. 4d.

---

**Kaz Nru. 8/1954**
Bejgħ ta' immobili — negozju fi — kummerċjant, att ta'.

Meta jsir xiri minn xi neguzjant, il-prezunzjoni hija li x-xiri sar għal fini tal-kummerċ, u jinkombi lin-negozjant li jagħmel il-prova kontrarja.

F'dan il-kaz l-appellant ġie intaxxat fuq il-profitt li għamel fix-xiri u bejgħ ta' dar.

Din id-deċiżjoni ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (appell Nru. 12)

---

**Kaz Nru. 9/1954**
Vitalizju — rendita —

Għalkemm il-ħlas tar-rendita jiġi stipulat in korrispettiv tal-kapital trasferit, jibqa' pero' li min jirċievi r-rendita huwa obbligat li jħallas it-taxxa tal-income fuqha in bazi għad-dispost tal-art. 5(1)(2) . . .

Jekk il-pagament in kwistjoni ma humiex magħmula a titolu ta' rendita, ma għandhomx ikunu taxxabbli għaliex jirrappresentaw pagamenti ta' natura kapitali.

F'dan il-kaz it-taxpayer kien biegħ lill-uliedu fabbrika bil-prezz ta' £20,000 0u bil-patt li għal tul il-ħajja tal-venditur, jew għal perijodu ta' ħames snin liema minnhom ikun iqsar, jitħallas £50 fix-xahar lill-venditur. Il-bord iddeċida li f'dan il-każ ma kienx hemm renedita, għax kienet tonqos l-alea, u għalhekk ma kienux taxxabbli.

---

**Kaz Nru. 10/1954**
Appell fuori termine — null

It-terminu ta' l-appell huwa fatali u jimporta in-nullita tal-attijiet li jsiru wara li jkun skada.

D'dan il-kaz il-Form A ġiet prezentata ġurnata tard. (Dies a quo non computatur in termine).

---

**Kaz Nru. 11/1954**

**Deċizjoni preliminari:—**

Notice of obligation — pont mhux imsemmi fil-

Dan il-Bord ma jistax jippermetti li jiżdiedu punti ta' appell li ma ssemmewx fin-notice of objection.

**Deċizjoni finali:—**

Rigal f'lokazzjoni — Spejjez biex jinfetaħ negozju — mhumiex deduċibbli.

Ir-rigal li jitħallas minn negizjant li jikri fond għan-negozju huwa ta' natura kapitali u kwindi mhux deduċibbli mill-income tiegħu.

Spiza biex jinfetaħ negozju mhix deducibbli, anki jekk magħmula f'fond ta' ħaddieħor.

L-appellant ippretenda wkoll deduzzjoni għal spejjez f'yachts li hu qal li kien iżomm għan-negozju. Il-Bord irritiena li dawk il-yeacths kienu wzati mit-taxpayer għal pjaċir u għalhekk l-ebda spiza ma kienet deducibbli.

---

**Kaz Nru. 13/1954**
Socjeta kummercjali — varjazzjoni ta' kwota ta' profitti.
Spejjez deducibbli — effettivament minfuqa.

Il-Bord dehrlu li ftehim tal-varjazzjoni tal-kwota tal-profitti ta' soċjeta kummerċjali kien reali għalkemm ma

sar b'ebda skrittura u ma kienx jidher bl-ebda mod li sar biex issir xi evazjoni tat-taxxa.

It-taxpayer għandu dritt li jnaqqas effettivament inforsi, u jekk għal xi raġuni jew oħrħa ma jkunx bagħtihom huwa ma għandux dritt li jitlob ebda deduzzjoni tagħhom.

---

**Kaz Nru. 14/1954**

Deduzzjoni — paying casjier — cash shortage

L-appellant kien paying cashier ta' Bank, u fil-kors tax-xogħol tiegħu kellu jħallas £93. 2. 0d. minħabba cash shortage, dovut għal xi żbal.

Il-Bqrd iddeċida li dak l-ammont kien deduċibbli mill-income.

---

**Kaz Nru. 15/1954**

Deduzzjoni — Manteniment ta' — "Relative" Art. 22(1)(c) Income Tax Act.

It-taxpayer talab deduzzjoni ta' £105 għal maneteniment ta' oħtu, żewġha (li kien apopletiku) u wliedha.

Il-Kummissarju akkorda deduzzjoni ta' £60 (il-massimu) għal oħt it-taxpayer.

Il-bord akkorda deduzzjoni ohra ta' £45 għal żewġ oħtu, billi irritiena li "relative" għal fini tal-artiklu 22 (1) (c) tal-Income Tax Act, għalkemm strettament tfisser parentela middemm tikkomprendi wkoll ir-relazzjoni miż-żwieġ.

Kwantu għal menteniment tan-neputijiet jeħtieġ li t-tfal ikunu orfni mill-missier u mhux sempliċement relative tat-taxpayer. Konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Appell Nru. II).

---

**Kaz Nru. 16/1954**

Kuntrattur — profitti ta'.

Il-Bord irritiena li l-appellant irnexxilu jispjega soddisfaċentement id-diskrepanza fir-rata ta' profitti bejn issnin 1948 u 1949.

L-appellant kellu ħanut u kien kuntrattur tax-xogħol ta' plumbing u elettriku. Fil-1048 kien irrapporta profitt ta' 9% fuq is-sales, u fil-1949 profitti ta' 19%. Il-Kunnissarju kien iffissa l-profitti għal 1948 f'19% fuq is-sales.

Il-kotba ta' l-appellant kienu ġew miżmuma regolarment.

---

**Kaz Nru. 17/1954**

Deduzzjoni — Spejjez ta' tobba etc. — Art. 22(3).

Interpretazzjoni ta' liġi.

Huwa magħruf illi disposizzjoni partikulari għandha tipprevali, skond il-principji tal-ermenewtika legali, għal disposizzjoni ġenerali.

Skond l-art. 22(3) ta' l-Income Tax Act l-ispiza ta' tobba u sptarijiet ma tistax taċċedi £20. L-eċċess ma jistax jitqies bħala tnaqqis.

Din id-disposizzjoni ġiet emendata blatt VIII tal-1969.

---

**Kaz Nru, 18/1954**

Divizzjoni — spejjez ta'. Spejjez ta' manteniment ta' bini. Govt. Not. 684/1950.

L-ispejjeż tad-divizjoni tal-bini komuni ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-produzzjoni ta' l-income, u għalhekk mhumiex deduċibbli.

Dwar l-ispejex ta' tiswijiet ta' fond urban dawn huma regolati bil-Govrt. Not. 684 tal-1950. La darba hemm disposizzjoni espressa tal-liġi li tikkontempla l-ammont preċiż li jiġu akkordati deduzzjonijiet superjuri għal dak l-ammont.

Jekk l-appellant irid jikkontesta l-validita' ta' Govt. Not. hu għandu jadixxi t-tribunal kompetenti in kontestazzjoni tal-persuna legittima.

Il-Govt. Not. 684/1950 ġie emenlat bil-L.N. 39/1969.

---

**Kaz Nru. 19/1954**

Grocer — Ex officio assessment

L-appellant (grocer) appella minn ex officio assessment Il-Bord iffissa dawn il-profitti bazati fuq is-sales:— dwar l-oġġetti razzjonati 9%, dwar il-ħobz 8%, dwar il-ħalib tal-bott 1/- il-kaxxa; dwar l-oġġetti l-oħra, komprizi imbejjed, spiriti u sigaretti, 10½%.

L-appellant kien iddikjara profitti ta' 6½%.

---

**Kaz Nru. 20/1954**

Ex officio assessment — Department's alowance — Notice of objection — Reifuzjoni ta' taxxa.

L-appellanti (teacher) appellat minn ex officio assessment. Il-Bord iddeċida li l-ammont ta' £1.475 li hi kienet iddepozitat f'Banek fis-snin in kwistjoni, kien ġie minnha infaddal qabel l-1948.

Il-Bord irritiena wkoll li l-appellant kellha wkoll tibbenefika mid-dependent's allowance, għalkemm din il-kwistjoni ma ssemmitx fin-notice of onjection.

It-talba għar-rifuzjoni ta' taxxa ma setgħetx tiġi milqugħha għax saret wara ż-żmien preskritt fl-art 67(1) ta' l-Income Tax Act.

---

**Kaz Nru. 21/1954**

Spejjez ta' natura domestika — Art. 11(a). Income Tax Act. Jaħdem fl-esteru.

L-appellant li kien mar jaħdem il-Libya talab deduzzjoni ta' ċerti spejjez li hu nefaq għal menteniment tiegħu fiż-żmien li kien jaħdem fl-esteru.

Il-Bord irriġetta t-talba għax dawk l-ispejjez kienu ta' natura purament domestika u privata u bħala tali eskluzi mill-art. 11(a) ta' l-Income Tax Act.

---

**Kaz Nru. 22/1954**

Spejjez ta' natura kapitali — Rendita vitalizja

L-appellant kien akkwista m'għand missieru negozju sħiħ, kontra l-pagament ta' rendita vitalizja.

Il-Bord ma ppermettiex id-deduzzjoni tar-rendita mħallsa minnu fis-snin in kwistjoni, għax din kienet ta' natura kapitali, u għalhekk prekluz mid-dispost tal-art 11(c) ta' l-Income Tax Act. "If the expenditure is made with a view to bringing into existence an asset of an advantage to the enduring benefit of the trade, such expenditure is attributable not to revenue but to expenditure".

---

**Kaz Nru. 23/1954**

Kaz identiku għal dak Nru. 22/1954. L-appellanti fiż-żewġ kazi kienu aħwa.

---

**Kaz Nru. 24/1954**

Grossista ta' foodstuffs — ex officio assessment

L-appellant (neguzjant bl-ingrossa ta' foodstuffs) appella minn ex officio assessment.

Il-Bord iffissa l-income fuq l-average tad-diversi rati ta' profitti permessi mill-F.C.C.O.

---

**Kaz Nru. 25/1954**

L-appellant (grocer) appella minn ex officio assessment. Il-Bord iffissa dawn il-profitti bazati fuq is-sales:—

a) dwar l-oġġett razzjonati 9%; b) dwar il-ħobz 8%; c) dwar l-oġġetti l-oħra 10½%.

---

**Kaz Nru. 26/1954**
Tfaddil — Kapitali mhux income.

L-appellant fil-1949 kien iddeposita l-Bank £1,100, u l-Kummissarju kien ikkunsidra £950 minn dan id-depozitu bħala income.

Il-Bord iddeċida li dawk il-£950 ma kienux income, imma kienu kapitali li t-taxpayer kien faddal fil-kors tas-snin. It-taxpayer kien ġuvni, ħaddiem, jgħix ma' oħtu.

---

**Kaz Nru. 27/1954**
Kuntrattur —

Il-Bord iddeċida li l-appellant kien jaħdem bħala kuntrattur bi sħab ma' ħuh.

Inoltri l-Bord iffissa l-profitti ta' l-appellant għas-snin 1949 u 1950.

---

**Kaz Nru. 28/1954**
Spejjez — verifika ta'

L-appellanti kienu kuntratturi u talbu li inaqqsu mill-income ċerti spejjeż li għamlu fil-kors tal-eżukuzzjoni ta' diversi appalti.

Il-Bord ċaħad l-appell u iritiena li l-Kummissarju irrifjuta li iżied ma' l-ispejjez l-ammoni reklamati, mhux arbitarjament imma għaliex kien fl-impossibilita li jara jekk kienux diġa nklużi fil-lista, imposibilita kawżata mill-istess appellanti li qattgħu malajr wisq in-notamenti oriġinali tal-ispejjeż.

---

**Kaz Nru. 29/1954**
Spejjez ta' kapitali — mhux deduċibbli.

B'att pubbliku l-appellant akkwista l-avvjament ta' negozju fis-Sala Reali, u obbliga ruħu li bħala prezz ta' ċessjoni kellu jħallas l-5% fuq l-inkassi lorid saż-żmien ta' disa' snin jew salmewt taċ-ċedent, jekk din tkun qabel.

Il-Bord iddeċida li dak il-ħlas ma kienx deduċibbli għax kien tan-natura ta' kapital.

---

**Kaz Nru. 30/1954**
Vitalizju — taxxabbli — Art. 5(1)(2) Income Tax Act.

L-appellant kien ittrasferixxa lil uliedu 'sehmu 'tal-beni 'tal-komunjoni ta' l-akkwisti in korrispettiv ta' vitalizzju £551. 5s. 0d. fis-sena. Dan il-vitalizzju kien soġġett għat-taxxa għax kolpit bl-art 5(1)(2) ta' l-Income Tax Act.

---

**Kaz Nru. 31/1954**
Spejjez ta' Natura domestika

L-ispejjez dwar il-ħlas ta' reġistration fees biex iben l-appellant ikun jista' jeżerċita ta' tabib, u biex jemigra għall-U.S.A. huma ta' natura domestika u mhux deduċibbli.

L-appellant kien ibbenefika mil-allowance ta' £80 għal dan it-tifel.

---

**Kaz Nru. 32/1954**
Deduzzjoni — Ħlas lill-ulied.

L-appellant importatur u commission agent ta' textiles kellu lil ibnu impjegat miegħu bħala pjazzista bil-paga ta' £240 fis-sena u kommissjoni ta' ½% fuq it-turn over kollu.

Il-Kummisarju ma riedx jiddeduċi dan il-ħlas kollu.

Il-Bord dwar l-ewwel sena riduċa l-ammont mitlub, u dwar it-tieni sena ikkonferma l-intier.

Hu ċar li biex tiġi akkordata d-deduzzjoni ta' l-ispejjeż għall-fini tal-Income Tax, il-kompens li jitħallas għandu jkun proporzjonat għas - servizzi resi.

---

**Kaz Nru. 33/1954**
Bidwi — bejgħ ta' annimali.

Bidwi li jiddeċidi li ma jkomplix irabbi l-bhejjem u ibiegħ l-annimali kollha, mhux soġġett għall-income tax fuq il-prezz ta' dawk l-annimali, għax dak ikun kapital u mhux income.

F'dan il-kaz l-appellant il-prezz ta' l-annimali impjegaħ f'Defence Bonds.

---

**Kaz Nru. 34/1954**
Refund — Sec. 67(1) Income Tax Act.

In this case the claim for the refund of the tax was barred by the lapse of the time prescribed by section 67(1) of the Income Tax Act.
Sec. 67 was amended by Act XX of 1955.

---

**Kaz Nru. 35/1954**
Spejjez ta' natura kapitali — Deduzzjoni

Kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' l-art. 9(1)(b) tal-G.N. 389/42 dwar il-proprjeta' amministrata mill-Kustodju tal-proprjeta' tal-għadu.

Spejjeż ta' natura kapitali jew aċċessorji għall-kapital mhumiex deduċibbli. Spejjeż li jirrikorru darba biss, u ma jkunux ta' natura rikorrenti, huma ta' natura kapitali.

---

**Kaz Nru. 36/1954**
Appell — fuori terminu — nullita' ta'.

It-terminu għal prezentata tal-Form "B" għall-appell hu terminu fatali u kwindi improrogabbli.

F'dan il-kaz l-appell kien null għax il-Form "B" ġiet prezentata ferm wara ż-żmien preskritt mill-liġi.

---

**Kaz Nru. 37/1954**
Ex officio asessment — Kuntrattur.

Appell dwar ex oficio assessment.

Il-Bord iffissa l-profitti għall-1948 u 1949 ta' l-appellant li kellu l-kuntratt tal-Conservancy mas-Services.

---

**Kaz Nru. 38/1954**
Barriera — exhaustion ta' — ebda deduzzjoni.

L-artikolu 11(c) ta' l-Income Tax Act, espressament jipprojbixxi kwalunkwe deduzzjoni għall-exhaustion of capital.

I-Bord iddeċida li t-taxpayer ma kellux dritt għal ebda allowance għall-"exhaustion" tal-barieri minnu maħduma.

---